Before this business was carried out Greta Apap Bologna had previously done business with the defendant company, to supply her clients with merchandise and an account had already been opened with the company which bears the account Code Gret 01 which was opened on the 17th March 2009. On that date she purchased a hob of the firm Bompani and a freezer of the firm Indesit which were delivered to her client Priscilla Cassar. As results from the document ASN 49 to ASN 54 which are exhibited in the proceedings the documents relative to this sale were all issued in the name Greta Design and the payment was made by a certain D. Trapani Galea Ferriol who is someone who is related to Greta Apap Bologna.

I come now to the business merit of this lawsuit. It results that Greta Apap bologna went to the company's showroom and asked the company salesman Alex Caruana for a quotation for kitchen appliances. He issued a quotation in the name 'The Customer' ...omissis... On that same day she went to the showroom and spoke also to Adrian Stagno Navarro who is a Manager and she asked her for the specifications and he sent them to her by internet on the 16th April 2012.

On the 13th June 2012, the assistant of Greta Apap Bologna whose name is Erica Muscat, asked by means of email on which there was from the letterhead of Greta Apap Bologna to the sales Department a request for a quotation for two kitchen sinks for their client Adrian Camilleri.

Fit-22 ta' Ġunju 2012, Erica Muscat kitbet permezz ta' email ASN 19 lil Adrian Stagno Navarra sabiex jibgħatilha sales order kemm għal dawn iż-żewġ sinks u għall-kitchen appliances. F'din l-email Greta saqsiet lil Adrian Stagno Navarro jekk huwiex possibbli li tikkonferma l-ordni billi tiffirma għaliha qabel ma jkun tħallas id-depożitu u mbagħad tħallas meta tirċievi l-flus fil-client's account mingħand il-klijent Adrian Camilleri li kien għadu l-Awstralja.

Fil-25 ta' Ġunju 2012, permezz ta' email Dok ASN 21 bil-letterhead ta' Greta Design, Erica Muscat talbet lil Adrian Stagno Navarro biex jibgħatilha confirmation order għall-Appliances u għas-sinks jew li jgħidlha t-total tad-depożitu li Greta kellha tħallas. Ta' min wieħed jinnota li Erica Muscat f'din l-email ma talbietx li l-confirmation order (li fil-kummerċ hija magħrufa bħala sale order) tinħareġ f'isem il-klijient Adrian Camilleri, imma din kellha tintbagħat lilha.

.....omissis.....

Wara li saru dawn is-sale orders li ġew maħruġin f'isem Greta Design inħarġu l-invoices li għandhom in-numru 214399 għall-appliances li qiegħda a fol 89 tal-proċess u invoice bin-numru 214644 għal televisions li qiegħda a fol 94 tal-proċess. L-invoices ġew maħruġin f'isem Greta Design u ġew aċċettati minn Greta.

.....omissis.....

Illui l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'dan li ġej:

Illi l-ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-aqwa prova u cioè d-dokumenti kollha tal-kummerċ relattivi għall-bejgħ tal-merkanzija in kwistjoni. Dawn huma s-sales orders, l-invoices, id-delivery notes, il-pagament permezz ta' cheque, ir-riċevuta. Dawn id-dokumenti juru bla l-iċken dubju li l-bejgħ sar bejn Mirage Holdings Ltd u Greta Apap Bologna, eżerċenti l-kummerċ bħala Greta Design.

.....omissis.....

L-unika korrezzjoni li intalbet li isir fid-dokumenti tal-kummerċ minn Greta Design huwa l-email tal-25 ta' Ġunju 2012, li biha Erica Muscat talbet lil Adrian Stagno Navarro, biex jibdel biss l-attention name li riedet li tinbidel minn Dorothy Trapani Galea għal fuq isem Greta jew fuq isem Adrian Camilleri.

Illi t-transazzjoniet kollha mertu ta' din il-kawża ġew kollha kontabilizzati fil-kont ta' Greta Design GRETO1.

Illi kif jirriżulta mill-provi Greta ma tat l-ebda prokura lis-soċjetà rikorrenti sabiex turi li hija qed taġixxi għan-nom ta' Adrian Camilleri u bis-saħħa ta' din il-prokura tkun

On the 22nd June 2012, Erica Muscat wrote by means of email ASN 19 to Adrian Stagno Navarro in order that he send her a sales order both for these two sinks and kitchen appliances. In this email Greta asked Adrian Stagno Navarro whether it is possible to confirm the order by signing for it before the deposit is paid and then she pays when she receives the money in the client's account from the client Adrian Camilleri who was still in Australia.

On the 25th June 2012, by means of email Doc ASN 21 with the letterhead of Greta Design, Eric Muscat asked Adrian Stagno Navarro to send her a confirmation order for Appliances and the sinks or that he tells her the total of the deposit which Greta had to pay. One is to note that Erica Muscat in this email did not ask that the confirmation order (which in business is known as sale order) be issued in the name of her client Adrian Camilleri but that it be sent to her.

.....omissis.....

Following these sale orders which were issued in the name of Greta Design invoices were issued which have the number 214399 for appliances which is at fol. 89 of the proceedings and invoice with number 214644 for televisions which is at fol. 94 of the proceedings. The invoices were issued in the name of Greta Design and were accepted by Greta.

.....omissis.....

That the grievance is clear and manifest and consists in the following:

That the Court of First Instance did not take into consideration the best proof and namely all the commercial documents relative to the sale of the merchandise in question. These are the sale orders, the invoices, the delivery notes, the payment by cheque, the receipt. These documents show without any doubt that the sale was made between Mirage Holdings Ltd and Greta Apap Bologna carrying on trade as Greta Design.

.....omissis.....

The only correction which was asked to be made in the commercial documents by Greta Design are the email of the 25th June 2012, in virtue of which Erica Muscat asked Adrian Stagno Navarro to change only the attention name which she wanted to be changed from Dorothy Trapani Galea on to the name of Greta or on to the name of Adrian Camilleri.

That all the transactions merit of this lawsuit were are recordered in the account of Greta Design GRET01.

That as results from the proof Greta did not give any power of attorney to the applicant company to show that she is acting on behalf of Adrian Camilleri and in virtue of this

tista' tiftaħ kont fuq isem Adrian Camilleri. Adrian Camilleri xehed li huwa ma kienx bagħtilha prokura biex taġixxi għan-nom tiegħu ...omissis... Kull ma kienet taf is-soċjetà attriċi huwa li Greta Apap Bologna li kellha klijient Adrian Camilleri li riedet tfornih b'appliances u televisions għal flat tiegħu li ġiet inkarigat minnhu sabiex tiddisinja.

Illi Greta Apap Bologna ippreżentat Affidavit u miegħu annettiet id-dokument GAB 2 li huwa s-sale order bin-numru 180298 li hija l-istess sale order li bagħtilha Adrian Stagno Navarro permezz ta' emails.

.....omissis.....

Is-soċjetà appellanti tissottometti ukoll li l-firma ta' Greta Apap Bologna obo Adrian Camilleri fuq id-dokument GAB 2 saret ħafna xhur wara li kien sar in-negozju. Dan għaliex kif jirriżulta mill-affidavit ta' Greta Apap Bologna, fil-paragrafu 12, fid-29 ta' Jannar 2013, aktar minn sitt xhur wara li kienet ġiet konsenjata il-merkanzija, sar meeting fl-uffiċċju tas-soċjetà esponenti bl-iskop sabiex Mirage jbiddlu l-istatements u l-purchase order sabiex din tindika lil Adrian Camilleri bħala l-klijent.

Is-soċjetà appellanti mingħajr preġudizzju għas-suespost tixtieq tissottometti illi s-sale order tat-television Dok. ASN 46 kif markata mis-soċjetà attriċi u Dok. GAB2 skont kif markata minn Greta Apap Bologna inħareġ fuq isem Greta Design.

Illi l-ewwel Qorti waslet għal konklużjoni li n-negozju sar bejn Mirage Co Ltd u Adrian Camilleri għaliex jirriżulta li hija korrispondiet direttament mal-intimat Adrian Camilleri u kien biss wara li ma ħallasx illi hija daret fuq Greta Apap Bologna. Is-soċjetà appellanti tirribatti dan l-argument għaliex dan huwa kontradett min dak li qalet Greta Apap Bologna, fl-istatement tagħha u cioè fil-laqgħa li saret fid-29 ta' Jannar 2013, hija talbet sabiex l-istatements ma jkomplux joħorġu fuq isimha imma jiġu mdawrin fuq isem il-kljient tagħha Adrian Camilleri ...omissis... Il-kumpanija appellanti dejjem irriteniet li n-negozju kien sar ma Greta Design u mhux ma' Adrian Camilleri.

Dwar din l-eċċezzjoni xehed ukoll l-intimat l-ieħor Adrian Camilleri.

.....omissis.....

Mill-kumpless tal-provi u d-dokumenti esebiti jidher bl-aktar mod ċar li n-negozju sar bejn is-soċjetà attriċi u Greta Apap Bologna li għalhekk hija l-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Li qed tagħmel Greta huwa li meta ndunat li l-klijenta tagħha mhux sejjer iħallasha u ġiet migduma hija qiegħda tipprova tgħaddi r-responsabbiltà tagħha għall-ħlas tal-merkanzija minn fuqha għal fuq Adrian Camilleri.

power of attorney she can open an account in the name of Adrian Camilleri. Adrian Camilleri testified that he had not sent her a power of attorney to act in his name ...omissis... All that the applicant company knew was that Greta Apap Bologna had a client Adrian Camilleri which she wanted to supply with appliances and televisions for his flat which he had been engaged by him to design.

That Greta Apap Bologna presented an affidavit and together with it she attached document GAB 2 which is the same sale order which Adrian Stagno Navarro had sent by emails.

.....omissis.....

The appellant company submits also that the signature of Greta Apap Bologna obo Adrian Camilleri on the document GAB 2 was made many months after the business was carried out. This because as results from the affidavit of Greta Apap Bologna, at paragraph 12, on the 29th January 2013, more than six months after the merchandise was delivered a meeting was made at the office of the applicant company with the purpose that Mirage change the statements and the purchase order so that this indicates Adrian Camilleri as the client.

The appellant company without prejudice to the above wishes to submit that the sale order of the television Doc. ASN 46 as marked by the applicant company and Doc. GAB 2 as marked by Greta Apap Bologna was issued in the name of Greta Design.

That the Court of First Instance reached the conclusion that the business was carried out between Mirage Co Ltd and Adrian Camilleri because it resulted that she corresponded directly with the respondent Adrian Camilleri and it was only after he had not paid that she turned on to Greta Apap Bologna. The appellant company rebuts this argument because it is contradicted by that stated by Greta Apap Bologna in her statement and namely in the meeting of the 29th January 2013, she asked so that the statements are no longer issued on her name but are turned on to the name of her client Adrian Camilleri ...omissis... The appellant company always held that the business had been made with Greta Design and not with Adrian Camilleri.

As regards this plea there also testified the other respondent Adrian Camilleri.

.....omissis.....

From the complexity of the evidence and documents exhibited it appears most clearly that the business was carried out between the plaintiff company and Greta Apap Bologna who is thus the right defendant in this lawsuit. What Greta is doing is that when she noticed that her client was not going to pay her and she had suffered damage, she tried to pass on her responsibility for the payment of the merchandise on to Adrian Camilleri.

.....omissis.....

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ, tat-2 ta' Ġunju 1993, fl-ismijiet Edmond Barbara vs Victor Vella, iddeċidiet 'Illi huwa prinċipju stabilit illi fin-nuqqas ta' provi ċari li juru l-kuntraju min jikkontratta jitqies li jikkontratta f'ismu stess'.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ, fl-ismijiet Charles O'Flaherty vs Joseph Micallef, deċiża fl-24 ta' Ġunju 1987, il-Qorti qalet hekk: 'Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut huwa obbligat personalment għall-ħlas peress li ma jirriżultax li fiż-żmien meta sar in-negozju in kwistjoni huwa ndika lis-soċjetà attriċi li l-ħlas ma kellux isir minnu iżda minn soċjetà kummerċjali'. F'din il-kawża Greta Apap Bologna ma ġabet ebda prova li hija ndikat lis-soċjetà appellanti li l-ħlas ma kellux isir minnha imma minn ħaddieħor.

Finalment is-soċjetà appellanti trid tirrimarka li fil-korrispondenza kollha Greta Apap Bologna dejjem irreferiet għal Adrian Camilleri bħala l-klijent tagħha filwaqt li l-istess soċjetà appellanti qatt ma rrikonoxxitu bħala x-xerrej tal-prodotti mibjugħa in kwistjoni.

Għar-raġunijiet fuq imsemmija jidher ċar mill-provi prodotti mis-soċjetà appellanti li n-negozju in kwistjoni sar bejnha u Greta Apap Bologna, eżerċenti fil-kummerċ bħala Greta Design li għalhekk hija leġittimu kontradittur f'din il-kawża.

Għaldaqstant, is-soċjetà appellanti filwaqt li tagħmel referenza għall-provi prodotti u produċibbli skont il-liġi, inkluża s-subizzjoni tal-appellata umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Maġistrati ta' Malta fl-ismijiet Mirage Holdings C 6808 vs Greta Apap Bologna eżerċenti fil-kummerċ bħala Greta Design u Adrian Camilleri, deċiża fid-9 ta' April 2015, kif mitlub f'dan ir-rikors.

Notifika: Adrian Camilleri, 51/5, Pretty Bay, Birżebbuġa.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 12 ta' Ġunju 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

.....omissis.....

In the judgement of the Commercial Court, on the 2nd June 1993, in the names Edmond Barbara vs Victor Vella. It was decided 'That it is an established principle that in default of clear proof which shows the contrary the contracting party is to be considered, as contracting in his own name'.

In the judgement of the Commercial Court, in the names Charles O'Flaherty vs Joseph Micallef, decided on the 24th June 1987, the Court stated thus 'That in these circumstances this Court is of the opinion that the defendant is personally bound for the payment, because it does not result that at the time that the business in question was made he indicated to the applicant company that the payment was not to be made by him but by a commercial partnership'. In this cause Greta Apap Bologna did not bring any proof that she indicated to the appellant company that payment was not to be made by her but by someone else.

Finally the appellant company wants to point out that in all the correspondence Greta Apap Bologna always referred to Adrian Camilleri as her client, whilst the same appellant company never acknowledged him as the purchase of the products sold in dispute.

For the reasons above mentioned it appears clearly from the proof produced by the appellant company that the business in question was made between her and Greta Apap Bologna carrying on trade as Greta Design who is thus the right defendant in this lawsuit.

Thus, the appellant company whilst referring to all the proof brought forward and which can be brought forward according to law, including the reference to the evidence of the respondent humbly submits that this Honourable Court revokes the judgement in the names Mirage Holdings C 6808 vs Greta Apap Bologna carrying on trade as Greta Design and Adrian Camilleri of the Magistrates' Court of Malta, decided on the 9th April 2015, as demanded in this application.

Notify: Adrian Camilleri, 51/5, Pretty Bay, Birżebbuġa.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 12th June 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1040

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Marzu 2015, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2161/14, fl-ismijiet The General Soft Drinks Co. Ltd vs Bar Celona Beach Company Limited et, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika għall-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap. 12.

By means of a decree given on the 4th March 2015, in the records of the judicial letter number 2161/14, in the names The General Soft Drinks Co. Ltd vs Bar Celona Beach Company Limited et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12 for the purpose of effecting service on the respondents.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 11 ta' Lulju, 2014

1. Is-soċjetà Bar Celona Beach Company Limited (C52674) fil-kwalità tagħha ta' debitriċi ta' 31, Flat 2, Saint Joseph Flats, Triq Wilġa, San Ġiljan;

2. Ian Chircop Beck (KI 64586M), fil-kwalità tiegħu ta' garanti ta' 5, Eris, Triq il-Qamħ, Ħ'Attard.

Permezz tal-preżenti, The General Soft Drinks Co. Ltd (C 1591) tal-Qasam Industrijali, tal-Marsa, Marsa MRS 3000 qegħda formalment tavżakom illi peress illi m'osservajtux it-termini ta' pagament tal-kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dr Mario Rosario Bonello tat-18 ta' Novembru 2013 hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A', u għaldaqstant qegħda tintimakom għall-ħlas tas-somma ta' €16,393.75 li tirrapreżenta l-bilanċ ta' self mogħti mis-soċjetà mittenti lilkom skont l-att imsemmi, u liema ammont għadu ma tħallasx lis-soċjetà mittenti minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex isir tali ħlas.

Bil-preżenti, is-soċjetà mittenti qiegħda tintimakom li jekk ma tħallsux fi żmien xahar min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, sejrin immedjatament jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tagħkom inkluż il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji u dana mingħajr avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu timxu u tevitaw spejjeż ulterjuri bla bżonn.

Bl-ispejjeż tal-preżenti u bl-imgħax kurrenti ta' 8% jew kwalunkwe imgħax verjuri ai termini tal-Artikolu 26A tal-Kap. 13 mid-data tal-iskadenza tat-terminu imsemmi ta' xahar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri illum 12 ta' Ġunju 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

Today 11th July, 2014

1. The company Bar Celona Beach Company Limited (C 52674) in its own capacity as debtor of 31, Flat 2, Saint Joseph Flats, Triq Wilġa, San Ġiljan;

2. Ian Chircop Beck (ID 64586M), in his own capacity as surety of 5, Eris, Triq il-Qamħ, Ħ'Attard.

By means of this present, The General Soft Drinks Co. Ltd (C 1591) of Qasam Industrijali tal-Marsa, Marsa MRS 3000 is formally warning you that since you did not comply with the payment obligations in the loan agreement in the records of Notary Dr Mario Rosario Bonello of the 18th November 2013 here attached and marked as Doc. 'A', and thus the applicant company is soliciting you to pay the sum of €16,393.75 representing the balance due from the loan granted by the applicant company to you, and this according a statement of account and which amount has not been paid to the applicant company notwithstanding various calls for payment.

By the present act, the applicant company is informing you that if you do not pay within one month from the notification of this judicial letter, they will immediately initiate further proceedings against you including the issue of precautionary warrants and this without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself and avoid further unnecessary costs.

With costs of this present and further interest of 8% or any other interest that may be due in terms of Article 26A of Cap. 13 from the date of that the aforementioned one month period lapses.

Registry of the Superior Courts today 12th June 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1041

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Lulju 2013, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1437/13, fl-ismijiet Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) vs Antonio Patanè, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Antonio Patanè (KI 52274A) ta' 38, Level 2, Triq Emmanuel Schembri, Birkirkara, fis-17 ta' Mejju 2013, id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ta' Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara,

By means of a decree given by the Court of Magistrates (Malta) on the 9th July 2013, in the records of the judicial letter number 1437/13, in the names Director General (Value Added Tax) vs Antonio Patanè, the following publication for the purpose of service was ordered in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Antonio Patanè (ID 52274A) of 38, Level 2, Triq Emmanuel Schembri, Birkirkara, on the 17th May 2013, the Commissioner for Revenue of Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara, solicits you in

jinterpellak ai termini tal-Artikolu 59 tal-Att XXIII tal-1998 sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att tħallas is-somma ta' €1,794.69 rappreżentanti ammont dovut minnek skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont l-Att XXIII tal-1998 fuq imsemmi sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment imma mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tiegħek permezz tal-Avviż tas-7 ta' Settembru 2012 li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 12 ta' Ġunju 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this letter you pay the sum of €1,794.69 representing the amount due by you according to the same Act.

With costs and interest according to Act XXIII of 1998 above mentioned till the date of effective payment.

This solicitation is being made for all intents and purposes of law and particularly, but not exclusively, in order to render the executive title that the Commissioner of Revenue has against you by means of a Notice sent to you on the 7th September 2012.

In default, the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much for your own guidance and to regulate yourself.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th June 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1042

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Frar 2015, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 301/15, fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi vs Carl Bonnici, ordnat issegwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 27 ta' Jannar, 2015

Lil: Carl Bonnici (KI 479478) ta' 5, Sqaq San Anard, Iż-Żejtun.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara, jinterpellak ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att tħallas l-ammont ta' €20,160.59 rappreżentanti bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT 98) dovuta minnek.

L-ammont indikat baqa' ma tħallasx minnek għalkemm ġejt interpellat għal ħlas diversi drabi permezz tal-Avviż maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxi ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. (Dok. A).

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi inkluż iżda mhux limitatament sabiex jiġi reż

By means of a decree of the 24th February 2015, of the Civil Court First Hall, in the records of judicial letter number 301/15, in the names Commissioner of Revenue vs Carl Bonnici, the following publication for the purpose of service of the respondent was ordered in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 27th January, 2015

To: Carl Bonnici (ID 479478M) ta' 5, Sqaq San Anard, Żejtun.

By the present, the Commissioner of Revenue of Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara, calls upon you in terms of Article 59 of Cap. 406 of the Laws of Malta, so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €20,160.59 representing amount due by you as Value Added Tax (VAT (98) due by you.

The amount mentioned is still due although you were solicited several times by means of a notice issued by the Commissioner of Revenue in terms of Article 59 of Cap. 406 of the Laws of Malta (Doc. A).

This calling is being made for all intents and purposes of law, including but not limitedly, in order to render the

eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tiegħek.

Fin-nuqqas li taderixxi ma' dina l-intima, inti infurmata li l-Kummissarju tat-Taxxi se jgħaddi sabiex jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv li għandu fil-konfront tiegħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont il-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex tagħraf timxi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Ġunju 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

executive title which the Commissioner of Revenue has against you.

If you fail to abide with this calling, you are informed that the Commissioner of Revenue shall pass to execute the said executive title he has against you.

With costs and interest according to Cap. 406 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourself.

Registry of the Superior Courts today 12th June 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1043

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Marzu 2015, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2334/14, fl-ismijiet Elmo Insurance Ltd vs Kevin Camilleri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Kevin Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 25 ta' Lulju, 2014

Lil: Kevin Camilleri (KI 91579M) ta' 10, Sqaq ir-Rużarju, Għargħur.

Permezz tal-preżenti, Elmo Insurance Ltd (C 3500) ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, filwaqt illi jirreferu għall-inċident awtomobistiku li seħħ nhar l-10 ta' Marzu 2013 fi Trejqet Birkirkara f'San Ġiljan, meta inti u ssuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBC-082 ħbatt mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CQZ-339 misjuqa mill-assigurat tal-Elmo Insurance Ltd. Dan l-inċident seħħ tort unikament tiegħek minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek.

Għaldaqstant inti interpellat sabiex fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' dina l-ittra tersaq għal-likwidazzjoni bonarja tad-danni kkaġunati minnek.

F'każ illi tonqos milli tottempra ruħek ma' din l-intima fiż-żmien preskritt, l-Elmo Insurance Ltd se tipproċedi ulterjorment kontrik bil-mezzi kollha li trid il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u biex jiġu evitati proċeduri u spejjeż inutli.

Bl-ispejjeż.

By means of a decree of the 5th March 2015, of the Civil Court First Hall, in the records of judicial letter number 2334/14, in the names Elmo Insurance Ltd vs Kevin Camilleri, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Kevin Camilleri in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 25th July, 2014

To: Kevin Camilleri (ID 91579M) of 10, Sqaq ir-Rużarju, Għargħur.

By the present Elmo Insurance Ltd (C 3500) of Triq Abate Rigord, Ta'Xbiex, whilst referring to the car accident which occurred on the 10th March 2013 in Trejqet Birkirkara, in San Ġiljan, while you were driving the vehicle with registration number FBC-082 you collided with the vehicle with registration number CQZ-339 driven Elmo Insurance Ltd insured. This accident occurred solely because of your carelessness, negligence, lack of skill and lack of observance of the traffic regulations on your part.

You are therefore being solicited so that within seven (7) days from the date of this judicial letter you come forward for the consensual liquidation of the damages caused by you.

Should you fail to comply with this intimation within the stipulated time frame, Elmo Insurance Ltd will proceed against you by all the means permitted by law.

So much for your own guidance and to avoid costs and useless procedures.

With costs.

Notifika: Citadel Insurance plc

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Ġunju 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Citadel Insurance plc

Registry of the Superior Courts today 12th June 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1044

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Marzu 2015, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 552/12, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni vs DA Holdings Ltd, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata a tenur tal-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil D A Holdings Ltd (C 18064) ta' Daniel's Shopping and Residential Complex, The Sales Shop, 114, St Joseph High Road, Il-Ħamrun, fit-22 ta' Frar 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ta' 46, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €1,140 dovuta kwantu għal €570 fi ħlas lura ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti u kwantu għal €570 bħala taxxa addizzjonali jew imgħax skont l-Avviż ta' Talba għall-ħlas hawn unit u mmarkat Dok. 'C'.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok. 'C' fuq ċitat), il-mittenti javżak li jekk tonqos li tħallas għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini tal-Artikolu 60A tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta).

Ħlas bl-spejjeż ta' dan l-att.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Ġunju 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 5th March 2015 in the records of the judicial letter number 552/12, in the names Commissioner of Inland Revenue vs DA Holdings Ltd, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187(5) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against D A Holdings Ltd (C 18064) of Daniel's Shopping and Residential Complex, The Sales Shop, 114, St Joseph High Road, Ħamrun, on the 22nd February 2012, the Commisssioner of Inland Revenue of 46, Merchants Street, Valletta, calls upon you so that within two days you pay the sum of €1,140 due as for the sum of €570 as back payments on tax on documents and transfers and as for the sum of €570 as additional duty or interest according to the Demand Note for Payment here attached and marked as Doc. 'C'.

As you failed to pay the amount due by you although a claim for payment was made (see the same Doc. 'C' above mentioned), the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due in the time given, the interpellant shall proceed for the execution of the executive title obtained in terms of Article 60A of Duty on Documents and Transfers Acts (Cap. 364 of the Laws of Malta).

Pay also the costs of this act.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 16th June 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1045

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fl-4 ta' Ġunju 2015, Rikors numru 582/2015 minn Louis Mula, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur John Mary Bartolo, ħu d-decujus, u dan fi kwota ta' terz (1/3) indiviż; favur l-istess Louis Mula, iben il-mejta Paola née Bartolo, u dan fi kwota ta' terz (1/3); u favur Carmel, sive Charles, Nicholas u Maria Dolores Spiteri, ilkoll aħwa Cutajar, ulied il-mejta Mary née Bartolo, u dan fi kwoti ta' nona parti (1/9) indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Giorgio Bartolo, ġuvni, iben il-mejtin Carmelo u Giovanna née

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 4th June 2015, Application number 582/2015 by Louis Mula whereby he prayed that it be declared open in favour of John Mary Bartolo, brother of the decujus, and this in the quota of one third (1/3) undivided share; in favour of the same Louis Mula son of the late Paola née Bartolo, and this in the quota of one third (1/3) undivided share; and in favour of Carmel, sive Charles, Nicholas and Maria Dolores Spiteri, all brothers and sisters Cutajar, children of the late Mary née Bartolo, and this in the quota of one ninth (1/9) undivided share each one of them

Debono, imwieled u joqgħod Ħal Qormi, fejn miet fid-19 ta' Marzu 2014, ta' 83 sena, u li kellu karta tal-identità numru 250965(M), u li miet bla testment.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, illum 12 ta' Ġunju 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

the SUCCESSION of Giorgio Bartolo, Bachelor, son of the late Carmelo and Giovanna née Debono, born and resided in Ħal Qormi, where he died on the 19th March 2014, aged 83, intestate, holding identity card number 250965(M).

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section, today 12th June 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1046

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fl-4 ta' Ġunju 2015, Rikors numru 579/2015 minn Mary Magro mart id-decujus, Renald, Jason, Clayton u Maria, ilkoll aħwa Magro, ulied id-decujus, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom is-SUĊĊESSJONI ta' Joseph Magro, iben il-mejtin Carmelo u Mary née Cutajar, imwieled Tal-Pietà, kien joqgħod Bormla, u miet Tal-Qroqq, L-Imsida, fit-12 ta' Diċembru 2014, ta' 58 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0387165(M), u li miet bla testment.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, illum 12 ta' Ġunju 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 4th June 2015, Application number 579/2015 by Mary Magro, wife of the decujus, Renald, Jason, Clayton and Maria, all brothers and sisters Magro, children of the decujus, whereby they prayed that it be declared open in their favour the SUCCESSION of Joseph Magro, son of the late Carmelo and Mary née Cutajar, born in Tal-Pietà, resided in Bormla, and died in Tal-Qroqq, Imsida, on the 14th December 2014, aged 58, intestate, holding identity card number 0387165(M).

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section, today 12th June 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1047

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fil-21 ta' Mejju 2015, fuq talba ta'Argus Insurance Agencies Limited et, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Nazzareno u Pauline Micallef, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3584/14, fl-ismijiet Argus Insurance Agencies Limited vs Nazzareno u Pauline Micallef u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Court Marshall

By means of a decree given by this Court, on the 21st May 2015, following a request of Argus Insurance Agencies Limited et, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Nazzareno and Pauline Micallef, in the records of the judicial letter number 3584/14, in the names Argus Insurance Agencies Limited vs Nazzareno and Pauline Micallef and in the relative and subsequent acts.

Permezz ta' Ittra Uffiċjali ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lil: 1. Nazzareno Micallef, 60, Orchidea, Triq iċ-Ċervjola, Marsaskala u 2. Pauline Micallef, 60, Orchidea, Triq iċ-Ċervjola, Marsaskala, fil-11 ta' Novembru 2014, Argus Insurance Agencies Limited (C 597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ta' La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, fil-kwalità tagħha ta' assiguratriċi tal-vettura numru ta' reġistrazzjoni JAS 403, tagħmel referenza għall-ittra uffiċjali tagħkom tat-2 ta' Settembru 2014, mibgħuta ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u lil Jason Azzopardi ta' 73, Twilight, Flat 4, Triq l-Arzell, Marsaskala, u mingħajr preġudizzju għar-relazzjoni kontrattwali tagħha mal-imsemmija persuna tirrespinġi bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet hemm kontenuti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

.....omissis.....

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Din l-ittra uffiċjali qed issir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u senjatament iżda mhux limitatament ai termini tal-Kap. 12 u 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u interessi legali.

Mittenti: La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex.

Intimati: 1. 60, Orchidea, Triq iċ-Ċervjola, Marsaskala.

2. 60, Orchidea, Triq iċ-Ċervjola, Marsaskala.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joseph Zammit Mckeon, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 21 ta' Mejju 2015.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Ġunju 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a Judicial letter filed in the First Hall Civil Court, against 1. Nazzareno Micallef, 60, Orchidea, Triq iċ-Ċervjola, Marsaskala and 2. Pauline Micallef, 60, Orchidea, Triq iċ-Ċervjola, Marsaskala, on the 11th November 2014, Argus Insurance Agencies Limited (C 597) in the name and in representation of the foreign company Argus Insurance Company Limited of La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, in their capacity as insurers of the vehicle registration number JAS 403, refer to your judicial letter of the 2nd September 2014, sent in terms of Cap. 104 of the Laws of Malta and to Jason Azzopardi, 73, Twilight, Flat 4, Triq l-Arzell, Marsaskala, and without prejudice to its contractual relationship with the said person rebuts in the strongest manner the allegations therein contained as unfounded in fact and at law.

.....omissis.....

So much so that you may know how to regulate yourselves.

This judicial letter is being sent for all intents and purposes of law and especially but not limitedly in terms of Cap. 12 and 16 of the Laws of Malta.

With costs and legal interest.

Interpellant: La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex.

Respondents: 1. 60, Orchidea, Triq iċ-Ċervjola, Marsaskala.

2. 60, Orchidea, Triq iċ-Ċervjola, Marsaskala.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Joseph Zammit Mckeon, LLD, Doctor of Laws.

Today 21st May 2015.

Registry of the Superior Courts, today 15th June 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*